**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs.**

**Danijel Bogdanovic**

Numru: 71/2016

Illum 22 ta' Frar 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Danijel Bogdanovic,** ta' sitta u tletin (36) sena, iben Milisav u Mira nee' Moravec, imwieled Libya, ta' nazzjonalita' Maltija u cittadin ta' Malta, imwieled fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu 1980, residenti fil-fond 20, Archidea Courts, Penthouse, Triq Ta' Cordina, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru

415999(M), akkuzat talli nhar id-29 ta' Ottubru 2016 ghall-habta 1.56p.m., u x-xhur ta' qabel, f'Ghawdex:

1.) Bl-imgieba tieghu kkaguna lil OMISSIS u ohrajn biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien u bniet u dan skont l-Artikolu 251 B (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.) U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkustanzi, insulenta, ingurja jew hedded bi kliem lil OMISSIS u ohrajn u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi talli ghamel uzu ta' xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut jew xorta ohra naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew, mill-imsemmi apparat u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 48(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

4.) Talli nhar id-29 ta' Ottubru 2016 ghall-habta ta' 19:20hrs f'Ghajnsielem, Ghawdex naqas milli jobbliga ruhu li jzomm l-armi u munizzjon registrati f'ismu mnizzla taht l-iskeda II tal-Att dwar l-Armi, maqfulin f'post sigur gewwa r-residenza tieghu u jizgura li

hadd hliefu ma jkollu access ghalihom. U dan bi ksur tal-Art 21(1)(a) tal-Ligi Sussidjarja 480.02;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li barra l-piena skont il-ligi tordna r-revoka ta' kull licenzja jew permess mahruga taht l-A.L. 79 ta' 2006 hekk kif emendat u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija hekk kif stabbilit taht regolament 27(2)(b) tal-A.L.70 tal-2006 hekk kif emendat u s-sospensjoni tal-licenzja taht il-Kap. 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li jidrilha xieraq din il-Qorti;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti l-piena stabbilita skont il-Ligi, tapplika Artikolu 383 u Artikolu 412C tal-Kap 9 ghall-harsien ta' OMISSIS u ohrajn.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2017 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub dwar l-akkuza numru erbgha (4) u l-piena marbuta maghha.

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat is-sottomissjoni taghha bil-miktub fis-26 ta' Jannar 2017.

Rat illi d-Difiza pprezentat is-sottomissjoni taghha bil-miktub fit-8 ta' Frar 2017.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru elfejn u sittax (2016) il-pulizija irċevew rapport mingħand OMISSIS fejn din allegat li kienet għadha kif ġiet mhedda permezz ta' sms mir-raġel tagħha Danijel Bogdanovic.

OMISSIS qalet illi kienet għadha kif saret taf illi r-raġel tagħha kien qed jaqlibhielha. U b'din l-informazzjoni minn naħa tagħha bdiet tibgħat xi sms's lir-raġel fuq dan il-punt. F'ħin minnhom qalet li heddidha fejn irceviet messaġġ għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin ftit minuti ta' wara nofsinhar.

OMISSIS qalet lill-pulizija li fid-dar taghhom Danijel Bogdanovic kellu xi armi.

Il-pulizija waqt tfittxija li ghamlu fil-post elevaw żewġ (2) armi, rifle tal-għamla 'Luvo' bis-serial number SA5024013, kif ukoll pistola tad-ditta 'Arsenal' bis-serial number AF1001118. Dan instab fil-kaxxa b'żewġ (2) magazines miegħu u l-iskrataċ.

Mill-istharrig tal-pulizija wara li ċċekkjaw mar-records tal-Weapons Office irriżulta li Danijel Bogdanovic kellu tliet (3) armi reġistrati regolarment, arma minnhom kienet qegħda miżmuma għand 'Tan-Namra', iż-Żebbuġ, Malta.

Il-pulizija kellmet lil Danijel Bogdanovic għal xi t-tmienja ta' filgħaxija (8:00p.m.). Inghata d-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu izda ghazel li ma jaghmilx dan.

L-Ispettur Edel Mary Camilleri spjegat li Danijel Bogdanovic "Urieni x'nifhem li kellu ħafna nervi għaliha, għall-mara. Għidtlu "Mela issa sakemm jikkalmaw l-affarijiet se jkollok tibqa' torqod magħna llum sakemm inti tikkalma u naraw għada kif l-affarijiet jiżvolġu."

L-Ispettur Camilleri xehdet li l-għada filgħodu għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00a.m.) kellmitu fl-uffiċċju taghha fejn huwa rrilaxxja stqarrija. Ikkonferma li hu minn naħa tiegħu kellu ħafna nervi u bagħtilha dan il-messaġġ li se jixħetha taħt l-art. Huwa aċċenna li hu ma kellu l-ebda intenzjoni li se jagħmel dan.

L-Ispettur Camilleri xħin spiċċat tiehu l-istqarrija rrilaxxatu mill-arrest bil-*police bail* biex tkun tista' tressqu l-Qorti t-Tnejn filghodu.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI

### Preliminari[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-

Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**RAPPURTAGG IRRESPONSABBLI**

Il-Qorti tal-Magistrati ghandha kaz quddiemha li tittrattah bhal kull kaz iehor bhalu quddiemha. Min jigi akkuzat ghandu dritt illi jiddefendi ruhu - kollox kif tistabbilixxi l-ligi ghal kulhadd.

Hawnhekk ghandna kaz ta' player tal-football li laghab mat-team nazzjonali u allura jigbed aktar interess. Mhux ghax l-akkuzi migjuba kontrih huwa rarita' fil-Qrati taghna tant li f'kull seduta tad-distrett ikun hemm numru ta' kawzi li jkollhom l-istess akkuzi li jinsab mixli bihom l-imputat.

Wara l-ilment li ghamel l-imputat dwar ir-rapporti li dehru fil-media l-Qorti fliet dawn ir-rapporti u ma tistax ma tirrimarkax dwar in-nuqqas ta' sensittivita li ntweriet lejn il-qraba tal-imputat. Il-Qorti tfakkar li l-gurnalisti barra drittijiet ghandhom ukoll dmirijiet.

F'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu li jiddeciedu l-kawzi fi Pjazza San Frangisk jew it-Tokk, fuq iz-zuntier ta' xi knisja jew fil-hwienet tal-merca, fuq Facebook, f'xi portal jew blog.

Dan il-kaz spicca ballun fl-arena tal-politika partigjana u hafna mir-rapporti kienu mibnija fuq il-fantasija u mhux fuq il-provi li ngabu fil-Qorti. Filwaqt li dehru dawn ir-rapporti spekulattivi tal-iskantament kif l-ebda gurnalista ma attenda ghas-seduti tal-kaz biex ikun jaf ezatt dak li sehh u kien ghaddej.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal il-President tal-Qorti Suprema Lord Neuberger ricentament[2]:

> "*One has to be careful about being critical of the press, particularly as a lawyer or judge, because our view of life is very different from that of the media.*
>
> "*The rule of law together with democracy is one of the two pillars on which our society is based.*

[2] 16 ta' Frar 2016 kif irrapurtat mill-*Media Lawyer Bullettin* tal-istess gurnata

*"And therefore if, without good reason, the media or anyone else undermines the judiciary, that risks undermining our society.*

*"The press and the media generally have a positive duty to keep an eye on things. But I think with that power comes the degree of responsibility.*

*"In practice, I do not think that our political views influence our decisions in any way. I think intruding into somebody's political views, religious views, social views, is not actually going to help and will end up, I fear, politicising the judiciary in a way which mercifully hasn't happened at all in this country."*

Il-Qorti tinnota dak li qal Lord Diplock fil-kaz **Horrocks v. Lowe**[3] li:

*"In ordinary life it is rare indeed for people to form their beliefs by a process of logical deduction from facts ascertained by a rigorous search for all available evidence and a judicious assessment of its probative value. In greater or in less degree according to their temperaments, their training, their intelligence, they are swayed by prejudice, rely on intuition instead of reasoning, leap to conclusions on inadequate evidence and fail to recognise the cogency of material which might cast doubt on the validity of the conclusions they reach."*

[3] Horrocks v. Lowe [1975] A.C. 135, 149

Lord Justice Stephenson fil-kaz **Lion Laboratories v Evans**[4] fisser l-interess tal-pubbliku li jkun infurmat:

> *"1. There is a wide difference between what is interesting to the public and what it is in the public interest to make known.*
> *2. The media have a private interest of their own in publishing what appeals to the public and may increase the circulation or the numbers of their viewers or listeners and as a result they are 'particularly vulnerable to the error of confusing the public interest with their own interest."*[5]

**Effett negattiv fuq l-ulied**

Il-**<u>Clinical Psychologist Rev. Joseph Farrugia</u>** l-espert imqabbad minn din il-Qorti biex jassisti lill-mara u t-tfal tal-imputat fir-rapport tieghu tat-30 ta' Jannar 2017 spjega l-impatt li halla dan il-kaz fuq il-mara u t-tfal: "*Peress li l-kaz gie mxerred sewwa fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni, dan kellu effett negattiv kemm fuq is-sinjura OMISSIS kif ukoll fuq it-tfal. B'mod specjali t-tfal iz-zghar sabuha difficli jaffrontaw lil shabhom tal-iskola. Ghalhekk kien mehtieg li naghti sapport lis-sinjura OMISSIS u lit-tfal sabiex jaffrontaw b'mod san l-impatt socjali tal-kaz.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport ippubblikat mill-Family Court of Australia dwar l-effett tal-vjolenza domestika fuq it-tfal:

[4] Lion Laboratories v Evans [1984] 2 AII E.R. 417
[5] Ibid. at p.423

*Children of all ages have been found to have more problems when they have been exposed to family violence, particularly coercive and controlling family violence.*

*Research has consistently found that children who are exposed to family violence have higher levels of emotional and behavioural problems than children who have not. Children who are in violent homes are also at a greater risk of physical abuse or having their physical and emotional needs neglected.*

*Younger children are more vulnerable than older children because they are with their parents more frequently, and are more dependent on their parents for care and protection. Teenagers exposed to family violence may be more aggressive to their parents and other acquaintances and constantly be at greater risk of retaliation.*

*Children exposed to family violence are at greater risk of:*

- *having difficulties controlling their emotions*
- *developing depression or antisocial problems such as delinquency or violent behaviours, particularly as teenagers*
- *developing poor relationships with both parents*
- *developing poor reading and language skills, and*
- *having difficulties making and maintaining friendships.*

*When family violence is combined with other problems, such as drug and alcohol abuse and mental health concerns, children are*

*at even greater risk of developing emotional, behavioural, social and educational problems.*[6]

**Rinunzja**

Il-Qorti rat id-dikjarazzjoni tal-parte civile tal-10 ta' Jannar 2017, fejn assistita mill-avukat Renata Formosa infurmat lil din il-Qorti li hi "se taghzel li ma tixhidx u dan fl-interess ta' wliedha minuri" u ddikjarat ukoll li l-kwistjonijiet pendenti li ghad fadal biex ikun hemm separazzjoni bonarja se jkunu trattati civilment".

Qabel din il-Qorti tista' tghaddi biex tikkunsidra dawn il-proceduri fil-meritu, hija trid bilfors tiddeciedi din il-kwistjoni preliminari u l-effett fuq dawn il-proceduri li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

Ghalkemm il-*parte civile* ddikjarat li mhux se tixhed f'dawn il-proceduri, dritt li ghandha u li tipprovdi ghalih il-ligi, u din tista' titqies bhala forma ta' rinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat bl-eccezzjoni tat-tieni imputazzjoni, l-imputazzjonijiet l-ohra kollha huma prosegwibbli mill-Pulizija *ex officio*, u ghalhekk din il-Qorti xorta trid tikkunsidra l-mertu tal-imputazzjonijiet.

[6] Hardesty, J., Haselschwerdt, M. & Johnson, M. (2012) Domestic Violence and Child Custody, Chapter 13, in K. Kuehnle & L. Drozd Eds. Parenting Plan Evaluations: Applied research for the family court, Oxford University Press, New York

**XHIEDA**

F'dan il-process xehdu erba' (4) xhieda:

L-Ispettur Edel Mary Camilleri (*a fol.* 22 *et seq*.), PS 1061 Justin Zammit (*a fol.* 49 *et seq*.), PC 1365 Christopher Formosa (*a fol.* 60 *et seq*.) u Dr. Joseph Grech (*a fol.* 68 *et seq*.).

**Prosekuzzjoni aktar attenta u preciza**

Il-Qorti tistenna li l-Prosekuzzjoni tkun imhejjija sew biex tmexxi l-kaz taghha quddiem il-Qorti. Mhux accettabbli li ghal aktar minn darba jsiru korrezzjonijiet fl-akkuzi meta l-fatti jkunu maghrufa waqt l-investigazzjoni u wisq anqas il-fatt li l-Artikoli ndikati mal-komparixxi ma jkunux jaqblu mal-kliem tal-akkuza.

L-avukat difensur waqt is-sottomissjonijiet tieghu stieden lill-Qorti biex tillibera lill-imputat minn akkuzi partikulari ghaliex l-artikoli ndikati fl-akkuza mill-prosekuzzjoni ma jirriflettux il-kliem fl-akkuza.

Ikun inutli wara decizjoni li taghti l-Qorti fejn ikunu ndikati nuqqasijiet serji, il-prosekutur iserrah il-kuxjenza tieghu dwar l-izbalji u t–traskuragni li jkun wera fit-tmexxija tal-kaz, b'heffa kbira idahhal nota biex kopja tas-sentenza u l-atti jmorru ghand l-Avukat Generali b'intenzjoni ta' appell!

Il-Qorti filwaqt li hi preokkupata hafna dwar nuqqasijiet serji fil-prosekuzzjoni ta' kazijiet quddiemha, dawn mhux dejjem iwasslu biex l-imputat ikun illiberat mill-akkuzi migjuba kontrih minhabba dawn id-difetti.

Dwar dan il-Qorti taghmel referenza ghall-kaz Il-**Pulizija kontra John Buttigieg** fejn intqal:

> *"Ghalkemm fit-tahrika mhix mehtiega c-citazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi, meta dan isir huwa desiderabbli, ghandha ssir diligentement u akkuratament."*[7]

Fil-kaz fl-ismijiet Il-**Pulizija kontra Paul Fenech** kien dikjarat:

> *"X'ghandu jkun fiha c-citazzjoni hu specifikat fl-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali; u l-indikazzjoni ta' l-artikolu jew artikoli tal-ligi ma hux wiehed mill-affarjiet li huma rikjesti skond din id-disposizzjoni (ghalkemm tali indikazzjoni tista' tkun utili u tiffacilita x-xoghol kemm tal-qorti kif ukoll ta' l-imputat biex jigi determinat jekk il-fatt imputat jammontax ghal reat)."*[8]

Waqt li fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija kontra Gaetano Portelli, Frans Saliba u George Azzopardi** kien sostnut li:

> *"L-indikazzjoni, da parti tal-Pulizija Ezekuttiva, fuq il-komparixxi ta' xi disposizzjonijiet tal-ligi ma hix parti mill-*

[7] 21 ta' Frar, 1996 deciza mill-Imhallef Victor Caruana Colombo
[8] 2 ta' Settembru, 1999 deciza mill-Imhallef Vincent Degaetano

*imputazzjoni jew imputazzjonijiet. Imputazzjoni tigi formulata billi jissemmew "il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw" (artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikolu 374(i)(i) ta' l-istess Kodici). Spetta ghall-qorti, u mhux ghall-Pulizija Ezekuttiva, li tiddetermina ghal liema reat jew reati jammontaw dawk il-fatti imputati. Ghalhekk, il-fatt li l-Pulizija, fuq il-komparixxi, tindika artikolu wiehed jew aktar tal-Kodici Kriminali b'ebda mod ma jfisser li l-qorti tkun marbuta li tara biss dawk l-artikoli hekk indikati."*[9]

**L-ewwel imputazzjoni**

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, dan huwa r-reat ta' fastidju kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, il-*parte civile* rtirat ir-rapport taghha fuq din l-imputazzjoni u ghazlet li ma tixhidx.

Il-Qorti lil hinn minn dan l-izvilupp li sehh fil-mori tal-kawza, il-prosekuzzjoni kienet taf li mill-provi li kellha ma kienx se jirnexxielha tipprova r-reat kontemplat taht l-Art251B(1), izda kif gara fi drabi ohra imputat jitressaq il-Qorti biex iwiegeb ghal dan ir-reat meta jkun car li ma tistax tinstab htija dwaru. F'dan il-kaz kull ma kellha l-Ufficcjal Prosekutur f'idejha kien l-sms li ntbaghat mill-

[9] 22 ta' Ottubru, 2001 deciza mill- Imhallef Vincent Degaetano

imputat lil martu fejn l-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu stess li baghtu u allegazzjonijiet li ghalkemm jistghu jkunu veri u graw fil-passat ma kien hemm l-ebda prova dwarhom hlief ritratt ta' fan imkisser minghajr l-icken hjiel meta sehh il-kaz.

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed**[10] deciz fis-16 ta' Dicembru 2016 fejn rega' gie affermat li biex jirrizulta r-reat taht l-artikolu 251B(1) irid ikun hemm tal-anqas zewg okkazzjonijiet biex tinstab htija dwar ir-reat tal-fastidju:

> *Din il-Qorti ilha sa mill-ewwel sentenzi tagħha dwar ir-reat ta' fastidju taħt l-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali li stabbiliet inekwivokabilment li inċident wieħed ma jammontax għal course of conduct skont dak l-artikolu. Inoltre, minkejja dak li ngħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha* ***P v Brian Micallef****, <u>il-leġislatur anki sa llum baqa' passiv u ma interveniex</u>[11] u għalhekk, għar-raġunijiet mogħtija f'dik is-sentenza, din il-Qorti tirriafferma dak konsistentement ritenut minn din il-Qorti dwar ir-reat imsemmi ta' fastidju li l-imġieba li għaliha jagħmel riferenza l-artikolu 251B(1) tal-Kodiċi Kriminali għandha tikkonsisti f'mhux inqas minn żewġ okkażżjonijiet.* (enfasi ta' din il-Qorti)

[10] Appell Nru: 145/2016
[11] Il-fatt li ghaddew sitt snin mid-dikjarazzjoni li ghamel il-President tal-Qrati u baqa' kollox l-istess huwa ta' thassib u wasal iz-zmien li jsiru l-emendi necessarji.

*Huwa minnu li fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **P v Mirko Giannetti** (21/2/2012), **P v Massimo Tivisini** (27/2/2009) u **P v Alan Caruana Carabez** (21/6/2007) jingħad li "r-reat ta' fastidju jrid neċessarjament jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli" iżda tenut kont li r-rekwiżit ta' tal-anqas żewġ okkażżjonijiet ta' aġir li jikkaġuna lis-suġġett passiv tar-reat "jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd ..." huwa parti integrali mill-element materjali tar-reat in kwistjoni dawn l-okkażjonijiet iridu jirriżultaw fil-grad li trid il-liġi ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni u mhux suffiċjenti li jkun hemm biss indikazzjoni vaga jew nebuluża tagħhom.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Ottubru, 2011 **Il-Pulizija v. Brian Micallef**[12] spjegat li**:**

Fil-kawza fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs Raymond Parnis** tal-24 ta' April 2009 … gie rilevat li r-reat *de quo* gie ispirat mill-artikolu 4(1) tal- *Protection from Harassment Act*, 1997 tal-Ingilterra fejn ir-reat espressament jirrikjedi bhala wiehed mill-elementi materjali tieghu li l-imgieba trid tkun tikkonsisti fi "on at least two occasions". Ma' dan taqbel din il-Qorti kif preseduta.

Fejn ma taqbilx din il-Qorti ma' dik is-sentenza huwa fejn jinghad li l-frazi "on at least two occasions" thallew barra mid-definizzjoni tar-reat fl-artikolu 251B(1) tal-Kodici

[12] Appell Nru: 442/2010

Kriminali "Ghal xi raguni ... kompletament illogika". Dak li hu verament illogiku ma hux l-omissjoni tal-element imsemmi --- ghaliex l-omissjoni ta' dak l-element hu logikament indikazzjoni cara li l-legislatur ried jimmira li deliberatament jeskludih mid-definizzjoni tar-reat --- izda l-fatt li fid-definizzjoni tar-reat thallew il-kliem "on each of those occasions" minkejja l-omissjoni tal-frazi "on at least two occasions". B'danakollu, la darba thallew bhala parti mid-definizzjoni tar-reat il-kliem "on each of those occasions", li ghal min jaqrah jimplikaw li l-imgieba li ghaliha hemm riferenza fid-definizzjoni tar-reat tikkonsisti f'aktar minn okkazzjoni wahda, din il-Qorti, partikolarment trattandosi ta' interpretazzjoni ta' dispozizzjoni penali, trid necessarjament taghti effett lit-tifsira naturali ta' dawk il-kliem, specjalment in vista tal-inerzia tal-legislatur biex jikkjarifika l-volonta' tieghu wara s-sentenza msemmija ta' din il-Qorti diversament preseduta. Ghaldaqstant din il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn imsemmija, taqbel li l-imgieba li ghaliha jaghmel riferenza l-artikollu 251B(1) ghandha tikkonsisti f'mhux anqas minn zewg okkazzjonijiet.

**It-tieni akkuza**

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, din hija kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ladarba, il-parti civile ghazlet li ma tixhidx, din l-akkuza ma tirrizultax.

**It-tielet akkuza**

Illi t-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat taqa' taht dak dispost fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi kif inghad sewwa mid-difiza, dina d-disposizzjoni tal-ligi dahlet fis-sehh in segwitu ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Calleja** fejn hemmhekk l-imputat f'dik il-kawza kien gie akkuzat a tenur tal-artikolu 48(1)(d) tal-istess Ligi. Il-Qorti madanakollu ma tistax taqbel mat-tezi tad-difiza illi l-ligi fl-artikolu 49(c) qed jikkontempla sitwazzjoni simili ghal dik ikkontemplata l-artikolu 48. Hawnhekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni differenti fejn persuna taghmel uzu mit-telefon mhux biss fis-sens illi l-uzu jkun wiehed mhux awtorizzat jew mhux teknikament korrett ecc, kif inkwadrat f'dik id-disposizzjoni tal-ligi, izda qed jikkontempla sitwazzjoni ohra fejn persuna issa qed tuza t-telefon taghha biex thedded, taghmel estorsjoni, timmalafama u tingurja persuna ohra u li taghmel kwalunkwe uzu iehor mhux xieraq. Dina d-dicitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa "uzu mhux b'mod kif imiss." Kien dana l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina l-emenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal-2007 fl-Att biex jemenda diversi ligijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-komunikazzjonijiet.

F'dawn il-proceduri s-*service providers* ma telghux jixhdu dwar l-sms ta' theddid, minn fejn origina u lil min intbaghat però b'daqshekk ma jfissirx illi l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni huma kompromessi anke ghall-fatt li d-difiza fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2016 ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tipproduci espert tekniku biex jikkonferma l-SMS li hemm esebita *a fol.* 35 tal-process.

Il-ligi tghidlek li ghandha tingieb l-ahjar prova u tkun kompluta minn kollox u ma jithalla xejn barra li jkun materjali u importanti ghall-kaz. Però l-ligi tghidlek ukoll illi dan ghandu jkun "bhala regola." U filwaqt illi dana huwa dejjem desiderabbli, ma jfissirx illi jekk il-Prosekuzzjoni thalli barra xi prova illi ma jidhrilhiex illi tkun necessarja, it-tezi taghha tkun kompromessa b'din in-nuqqas ta' prova. Billi ma telghux is-*service providers* ma jfissirx illi l-kaz ma giex ippruvat peress illi l-Prosekuzzjoni kellha u ghandha mezzi ohra sabiex tasal ghall-htija tal-imputat inkluza d-dikjarazzjoni tal-imputat stess fl-istqarrija tieghu. Ghalhekk kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti illi jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti. (ara Il-**Pulizija versus Brian Caruana**, 23 ta' Mejju 2002).

L-**avukat Joseph Grech** ghan-nom tal-kumpanija Vodafone xehed li "*ż-żewġ mobile numbers, in-numru OMISSIS illi jirriżulta li huwa reġistrat fuq OMISSIS u n-numru l-ieħor OMISSIS illi huwa reġistrat*

*fuq Danijel Bogdanovic ta' 20, Archidea Court, Penthouse, Triq ta' Cordina, Għajnsielem bin-numru tal-ID card 415999M"*[13].

L-imputat fl-istqarrija tat-30 ta' Ottubru 2016 lill-pulizija kkonferma li kien baghat sms lil martu u qalilha li kien se jitfaghha taht l-art "**iva, ghax kelli hafna nervi imma qatt ma kelli intenzjoni li naghmlilha hekk**"[14].

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghallem Archbold Magistrates' Courts Criminal Practice 2017 dwar **Offences committed in a domestic context**[15] fejn jikkwota lil Lord Justice Bedlam:

> *"… threats to kill are made in many differing circumstances. It is the circumstances and the effect which the threat has, whether they are really intended to be carried out and the surrounding facts which determine the sentence which is appropriate in a given case. Sometimes threats are made by a person who is under emotional stress or a person suffering from depression. Sometimes it is clear that the threat is an idle threat, and is realised by the victim to be an idle threat. Sometimes the threat is accompanied by the flourish of a weapon which adds to the effect it had on the victim. Sometimes, after the threat, remorse is expressed. All these are circumstances which the court takes into account."*

[13] Seduta 24 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 68 *et seq.*)
[14] *a fol.* 10 immarkata bhala Dok EC2
[15] Archbold pg 836, 13-128

Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat intenzjonalment uza l-apparat tat-telefon cellulari tieghu sabiex jaghmel uzu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi baghat messagg bi kliem ta' theddid lill-parti leza. Ghaldaqstant dina l-akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

**Ir-raba' akkuza**

Illi fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Joseph Muscat** il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 t'April 2004 preseduta mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano qalet hekk:

> *Wara kollox il-ligi ma tezigix li armi simili jew munizzjon ghandhom jinzammu f'xi post partikolari fid-dar, jew li jkunu taht xi forma ta' sokor partikolari. Dak li wiehed irid jistaqsi hu jekk f'xi hin partkolari – f'dan il-kaz meta l-Pulizija ghamlu l-perkwisizzjoni taghhom – jistax jinghad li kienu fis-sehh mizuri ragonevoli biex jassiguraw li l-armi u l-munizzjon ma jigux f'idejn terzi li ma kellhomx permess ikollhom tali oggetti. F'dan il-kaz, fil-fehma ta' din il-Qorti, u bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, ir-risposta kellha tkun definittivament fl-affermattiv. Kienet tkun differenti r-risposta ghal dak il-kwezit li kieku, per ezempju, id-dar ma kienitx imsakkra (u ghalhekk setghu facilment jidhlu xi girien, jew membri ohra tal-familja, jew anke xi malintenzjonat); jew li kieku fid-dar kien hemm persuni ohra (anke jekk biss mart l-appellant) meta l-armi u l-munizzjoni*

*kienu fil-kcina u ghalhekk liberament accessibbli ghal dawn it-terzi.*

Is-**Surgent 1061 Justin Zammit** xehed *"Mela jien mort ġo din ir-residenza fejn ġiet is-sinjura magħna wkoll, ħalli tkun preżenti peress li hija d-dar matrimonjali tagħha wkoll. Kellimt lis-sinjur, hawn preżenti hawnhekk, Danijel Bogdanovic. Spjegajtlu n-nautra tar-rapport u li għandi bżonn nagħmel tfittxija għall-armi li għandu reġistrati fuq ismu, u jekk hemmx xi armi oħra li ma humiex irreġistrati. Huwa ma opponiex u għamilt is-search ġewwa r-residenza fejn hu stess urieni fejn huma l-armi. Kont sibt pistola fil-komodina maġenb is-sodda fejn kien hemm xi munizzjon fil-kaxxa tal-pistola u xi munizzjon jiġri fil-kexxun ukoll. U kont sibt ir-rifle li kien qiegħed wieqaf mal-kantuniera tas-sufan. Staqsejtu li għandu arma oħra reġistrata fuq ismu fejn hu qalli li għadha għand tal-ħanut u għadu ma ġabarhiex. Minn hemmhekk ġbarna l-affarijiet kollha. Erġajt infurmajtu li kien arrestat u tajtu d-drittijiet tiegħu, u tellajtu l-Għassa r-Rabat, fejn għamilna inventarju tal-munizzjon u tal-armi u tajnih irċevuta"*[16]

Illi ma hemmx dubju illi l-mod kif instabu l-armi u l-munizzjoni fir-residenza tal-imputat ma kienx skont kif tipprovdi l-licenzja dwar kif ghandhom jinzammu l-armi u l-munizjon u bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni kif prova jpingi s-sitwazzjoni l-avukat difensur li ghax l-imputat kien wahdu d-dar meta saret it-tfittxija tal-pulizija allura l-armi u l-munizzjoni kienu f'post sikur.

[16] Seduta 10 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 49 *et seq.*)

Ghaldaqstant dina l-akkuza tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

**KONKLUZZJONI**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni u qed tilliberah minnhom.

U wara li rat Artikolu 51 (8) tal-Kap 480, Artikolu 91 ta' LS 480.02, Artikoli 48 u 49 tal-Kapitolu 399 issib lill-imputat hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni u timmultah multa komplessiva ta' elf ewro (€1000).

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess dwar armi mahruga a favur tal-imputat, liema sospensjoni tal-licenzja taht il-Kap. 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta tkun ghal zmien sena millum.

Inoltre, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' OMISSIS.

Finalment, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' OMISSIS u l-familjari taghha ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna d-divjet ta' pubblikazzjoni ta' isem il-parte civile OMISSIS u l-minuri ulied l-imputat fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**